# UFFIĊĊJU STAMPA

## Il-Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana

Tel: 25906203, 21241281 Fax: 21242971 Email: info@maltadiocese.org

08 ta' Awwissu 2008

TQASSIM: MEDIA KOLLHA
MINN : C. BUTTIGIEG
REF : 100/2008

## STQARRIJA TAL-KONFERENZA EPISKOPALI MALTIJA

### IMPENN B'RESPONSABBILTA U BLA BIŻA'

Matul il-laqgħa tagħna nhar il-Ħamis, 7 ta' Awwissu, 2008, għamilna evalwazzjoni tad-diskussjoni li għaddejja fil-pajjiż dwar iż-żwieġ u l-familja. Din is-sitwazzjoni, li żviluppat wara l-aħħar elezzjonijiet ġenerali, twassalna biex nagħmlu dawn il-konsiderazzjonijiet:

1. Il-Knisja, fir-riflessjoni tagħha fuq il-bniedem, u msaħħa mill-Kelma ta' Alla, temmen li ż-żwieġ u l-familja huma ta' ġid fundamentali għall-individwu u għas-soċjetà.

2. Il-komunità nisranija tista' u għandha tagħti l-kontribut tagħha f'din id-diskussjoni għaliex il-bniedem huwa t-triq tal-Knisja. Għal ħafna snin kienet il-Knisja weħidha li ffurmat u mxiet mal-koppji fl-esperjenza tagħhom taż-żwieġ u l-familja. Kienet ukoll il-Knisja li għenet lil dawk li sabu diffikultajiet fil-ħajja taż-żwieġ u lil uliedhom.

3. Dak kollu li jdgħajjef u jkisser iż-żwieġ u l-familja, bħall-koabitazzjoni u d-divorzju, għalkemm jistgħu jidhru li jsolvu xi diffikultajiet lill-individwi, għandhom konsegwenzi serji u fit-tul fuq il-ġid komuni tas-soċjetà tagħna. Hekk jixhdu l-esperjenzi ta' pajjiżi oħra.

4. L-insara u dawk li jemmnu f'dan il-valur taż-żwieġ u l-familja għandhom jimpenjaw irwieħhom skond ir-responsabbiltajiet tagħhom. Nifhmu li quddiem il-kultura li qed ngħixu fiha dan ifisser li wieħed irid imur kontra l-kurrent. Aħna nittamaw li jkunu ħafna dawk li l-għażla tagħhom li jagħtu fil-beraħ il-kontribut favur iż-żwieġ u l-familja tegħleb l-għażla li jibqgħu siekta minħabba l-biża' tal-kritika.

+ Pawl Cremona O.P., Arċisqof ta' Malta
+ Mario Grech, Isqof ta' Għawdex
+ Annetto Depasquale, Vigarju Ġenerali ta' Malta

Mons. Joseph Magro, Segretarju